# IN . FESTO .
# S . IULIANI .
# HOSPITATORIS .

## *Kwadru tal-Ħajja Parrokkjali u tal-Festa ta' San Ġiljan Bejn Tmiem is-Seklu Dsatax u l-Bidu tas-Seklu Għoxrin*

### (I) FESTI TA' ĠEWWA

KITBA TA' NIKI PAPAGIORCOPULO B.A. (HONS)

**L-istorja tal-parroċċa u tal-festa ta' San Ġiljan inkitbet minn għad ta' individwi differenti. Uħud użaw il-pinna sabiex jirrakontaw ġrajjiet li għexu biex ma jintesewx, filwaqt li oħrajn ħarġu mid-dlam ta' l-arkivji manuskritti u sorsi differenti li xeħtu dawl fuq l-istorja tal-lokalita' u tal-parroċċa tagħna.** Insemmi fost dawn il-kittieba lill-mibkijin Joseph Storace u Patri Alexander Bonniċi, kif ukoll lill-Professur Stanley Fiorini u lis-Sur Winston L. Zammit li għadhom sa llum jirriċerkaw u jagħtuna ħjiliet ġodda ta' dak li għexu missirijietna fl-imgħoddi. Jekk wieħed jistudja sew il-ġrajjiet ta' San Ġiljan minsuġa fil-paġni mhollija lilna minn dawn l-awturi, malajr jintebaħ li fost l-isbaħ perjodi fil-ħajja tal-komunita' Ġiljaniża jispikkaw l-aħħar snin tas-seklu XIX u l-bidu tas-seklu XX.

Mhux l-iskop tiegħi li nirrepeti dak li diġa ntqal minn dawk li ġew qabli. Nikteb iżda għaliex fix-xogħol li f'dawn l-aħħar snin l-*Għaqda Dilettanti Knisja ta' Lapsi* qed tagħmel fl-arkivji, li Dun Anton Sciberras ħalla lill-knisja li tant kien jgħożż, instab ktieb ta' kontijiet u spejjez jew *libro esito* ta' l-*Amministrazione della Procura della Veneranda Lampade della Chiesa Parrocchiale di San Giuliano*, hekk kif għandu miktub fuq l-ewwel paġna tiegħu. Il-prokura hekk imsejħa 'tal-lampier' kienet tkun il-prokura li tieħu ħsieb il-binja tal-knisja u dak kollu li jinsab ġewwa fiha u kienet tissejjaħ hekk għaliex il-prokuratur tal-knisja kellu bħalha l-ewwel obbligu tiegħu li jkun żgur li l-lampier quddiem Ġesu' sagramentat kellu ż-żejt neċessarju biex jibqa mixgħul. Dan il-ktieb għandu fih kontijiet ta' din il-prokura parrokkjali mill-1895 sa l-1904 u ta' xi snin oħra. Dan hu għalhekk manuskritt ta' tagħrif prezzjuż li jagħtina stampa ċara tal-ħajja parrokkjali ta' dak iż-żmien, il-protagonisti li taw is-sehem tagħhom b'risq il-knisja tant għal qalbhom, ismijiet ta' artisti u artiġjani li tawna opri ta' arti li sa llum ma konniex nafu fiċ-ċert min ħadimhom u informazzjoni oħra li tixħet dawl ġdid fuq numru ta' affarijiet li s'issa l-istoriċi u studjużi ta' din il-knisja ma kellhomx ir-risposti kollha għalihom.

Kien wara li studjajt dan is-sors mill-viċin li nibtet l-idea li ninkludu f'din il-pubblikazzjoni, sensiela oħra dwar il-ħajja parrokkjali u l-festa ta' San Ġiljan bejn tmiem is-seklu XIX u l-bidu tas-seklu XX. Huwa impossibli li wieħed jagħti ħarsa xierqa lejn l-elementi kollha li s'issa kienu neqsin mill-istorja u li wieħed isib f'dan is-sors, f'artiklu wieħed. Minħabba f'hekk ser nippreżentah f' taqsimiet.




*L-ewwel faċċata tar-reġistru tal-ispejjeż* - Libro Esito - *tal-*Veneranda Lampade *tal-Knisja Parrokkjali ta' San Ġiljan*

Il-fatt li teżisti dokumentazzjoni vasta fuq il-ħajja tal-parroċċa f'dan iż-żminijiet,

filwaqt li sorsi fuq il-festa titulari huma limitati, wassluni sabiex fl-ewwel żewġ artikli ta' din is-sensiela niffoka fuq il-festa titulari ta' San Ġiljan Nibdew billi din is-sena nagħtu ħarsa lejn il-festa interna. Iżda qabel dan xtaqt nibda billi nagħti ħarsa lejn il-ġrajjiet li seħħew f'din l-epoka partikulari, l-isfond li fih kienet tiġi ċċelebrata l-festa ta' San Ġiljan, u ħarsa lejn is-sors innifsu.

**Il-Parroċċa lejn l-Aħħar tas-Seklu XIX u l-bidu tas-Seklu XX**

L-aħħar snin tas-seklu XIX kienu żminijiet tad-deheb għall-poplu ta' San Ġiljan. Bl-għoti tad-digriet *Quum Incloae*, l-Isqof ta' Malta Monsinjur Pietru Pace kien qata' xewqa li l-Ġiljaniżi kienu ilhom joħolmu biha għal snin kbar, li sa fl-aħħar jinqatgħu mill-Matriċi Elenjana ta' Birkirkara u jkollhom parroċċa għalihom[1]. Wara dan seħħew numru ta' avvenimenti importanti fil-ħajja tal-parroċċa, waħda wara l-oħra. Kien żmien ta' ewforija għall-Ġiljaniżi li raw iseħħ quddiem għajnejhom dak li kienu bdew jitolbu sa mill-1849[2]. Għalhekk, stinkaw kemm felħu sabiex il-knisja tkun imkabbra għad-daqs li nafuha llum, tiġi mżejna b'opri ta' arti ġodda u mgħammra bl-affarijiet liturġiċi neċessarji. Ewlenin fost dawn l-opri ta' l-arti kien hemm teżor li l-parroċċa għadha tgħożż sa llum; l-istatwa artistika ta' San Ġiljan, opra fil-kartapesta tal-magħruf Karlu Darmanin u rigal ta' Salvatore Mattei, li twasslet lejn il-knisja parrokkjali taż-żmien b'festi kbar fil-lejl tat-13 ta' Awwissu 1893 u tbierket mill-vigarju ġenerali tal-isqof[3].

Kien spiċċa ż-żmien tal-festa titulari ta' l-Assunta li kienet tiġi ċċelebrata b'tant pompa fil-15 ta' Awwissu[4], għalkemm din baqgħet tiġi ċċelebrata fil-knisja ta' kull sena saħansitra b'mużika taħt id-direzzjoni ta' Alberto Vella[5], u ġieli saret ukoll anke l-mixgħela[6]. Id-devozzjoni qawwija li kienet taf il-bidu tagħha qabel il-viżta pastorali ta' l-Isqof Gargallo fl-1601 qatt ma mietet. Mat-twaqqif tal-parroċċa, il-Ġiljaniżi xtaqu li t-titular jerġa jkun ddedikat lil San Ġiljan, u hekk sar.

Xieraq ukoll li nsemmu lir-rgħajja tal-poplu Ġiljaniż f'dan iż-żmien. Dun Ġużepp Xerri kkonsagra ħajtu għall-ġid spiritwali ta' missirijietna. Mexxa lill-poplu Ġiljaniż sa mill-1849, meta l-Isqof Publius Maria dei Conti Sant xeħet għajnejh fuq dan is-saċerdot żgħażugħ waqt viżta pastorali li kien qed jagħmel fil-Parroċċa ta' Birkirkara u għażlu biex imexxi l-viċi-parroċċa li kien għadu kemm waqqaf[7]. Għamel minn kollox sabiex il-merħla avdata lilu ma titlifx it-triq tagħha; ikumbatta lill-propaganda Protestanta tal-kulleġġ li kien infetaħ f'San Ġiljan[8], ta sehmu f'tliet epidemiji tal-kolera[9], u stinka sabiex San Ġiljan isir parroċċa. Nistgħu nsejħulu missier il-parroċċa tagħna. Mhux ta' b'xejn li meta San Ġiljan ingħata dan it-titlu, l-Isqof Pietru Pace għamel kif seta sabiex Xerri jsir l-ewwel kappillan, għalkemm kien kbir wisq fl-eta sabiex joqgħod għall-konkors għal din il-kariga[10].

Dun Ġiljan Zammit kien kjeriku fil-parroċċa sa mit-12 ta' Marzu 1886[11]. Kien l-ewwel qassis iben il-parroċċa. Fl-1897 Xerri kien qed iħoss il-piż tas-snin, saħħtu ma baqgħetx

li kienet, u għalhekk Zammit daħal għax-xogħol tal-parroċċa. Fost il-ħidmiet differenti nħatar prokuratur tal-knisja. Meta Xerri miet, fil-lejl tad-9 ta' Ġunju 1897[12] assistit minn Zammit stess, il-kjeriku Zammit ġie appuntat vigarju kurat sakemm qagħad għall-konkors u ġie nnominat it-tieni kappillan ta' San Ġiljan nhar it-22 ta' Novembru 1897. Iżda wara biss 6 snin, fl-eta żgħira ta' 34 sena, il-Kappillan Zammit iddeċieda li jċedi l-kariga lil saċerdot ieħor minħabba l-kundizzjoni imwegħra ta' saħħtu[13]. Baqa fil-kariga ta' vigarju kurat sakemm Dun Karm Bugelli nħatar kappillan ta' San Ġiljan nhar it-13 ta' Frar 1904. Miet eżatt mitt sena ilu fi sbiħ it-23 ta' Awwissu, 1909[14].

### Il-*Libro Esito* ta' l-Amministrazzjoni tal-Prokura tal-Knisja Parrokkjali ta' San Ġiljan

Kif semmejt aktar 'il fuq dan is-sors jagħtina tagħrif siewi dwar il-ħajja parrokkjali bejn il-5 ta' Novembru ta' l-1895 u t-18 ta' Frar ta' l-1904. Dan għaliex prattikament kull spiża li kienet issir kienet titnizzel f'dan il-ktejjeb. Għalhekk wieħed jista jifli bir-reqqa min kienu s-saċerdoti li kienu jiċċelebraw is-sagramenti fil-knisja, x'kienu l-festi u funzjonijiet reliġjużi li kienu jsiru fil-parroċċa, il-lajċi li kienu attivi fil-ħajja tal-knisja, u l-opri u apparat liturġiku li kien qiegħed jinħadem jew jinxtara sabiex il-knisja neo-parrokkjali tkun mgħammra kif jixraq.

Jekk wieħed iqabbel id-data ta' l-aħħar ma' dik tal-bidu tal-parrokat tal-Kappillan Bugelli jinduna li hemm biss perjodu ta' ħames ġranet bejna u bejn l-aħħar annotazzjoni ġo dan il-ktejjeb ta' kontijiet. Huwa wisq probabbli għalhekk li l-kitba fl-ewwel 31 paġni ta' dan il-ktieb ta' kontijiet hija ta' Dun Ġiljan Zammit li kien prokuratur tal-knisja fi żmien il-parrokat ta' Xerri (sa mill-1895) u żamm din ir-responsabbilta meta ngħata l-mandat ta' kappillan. Jista jkun li l-Kappillan Bugelli fetaħ reġistru ieħor għal din il-prokura għaliex tul dan il-parrokat ma nsibu l-ebda spejjez imnizzla f'dan il-ktejjeb. Wara l-1904 hemm biss madwar tmien paġni oħra li fihom hemm indikat li l-amministrazzjoni hija tal-Kappillan Amabile Bonanno, kappillan li għal 34 sena sħaħ dam imexxi l-Parroċċa ta' San Ġiljan[15]. Dawn il-paġni ta' l-aħħar jindikaw spejjez li għamlet il-prokura fis-snin 1908, 1918 u l-1919. Hawn ma nsibux il-konsistenza u d-dettalji li nsibu fis-snin ta' qabel[16].

### Il-Festa Titulari ta' San Ġiljan

Sorsi jindikawlna li l-festa ta' San Ġiljan kienet issir sa minn qabel it-twaqqif tal-parroċċa. Fl-1877 il-festa kienet iċċelebrata nhar il-Ħadd 26 ta' Awwissu. Il-funzjonijiet liturġiċi fil-knisja kienu jinkludu mużika mmexxijja mis-Surmast Malfiggiani. Festi esterni kienu jsiru ukoll u kienu jinkludu mixgħela, logħob tan-nar, il-ġostra u marċijiet mill-Banda *La Nazionale Vincitrice* u dawk ta' Birkirkara u l-Furjana[17]. Żgur li bit-twaqqif tal-parroċċa u l-wasla tal-vara titulari, il-festa tkabbret u saret aktar popolari, kemm f'dak li huma funzjonijiet tal-knisja u kemm festi esterni. Dan il-ktejjeb ta' spejjez tal-prokura huwa konferma ta' dan. L-ispejjez tal-festa titulari huma separati

minn annotazzjonijiet ta' spejjez oħra li kienu saru matul is-sena permezz ta' titlu li jindika ukoll il-ġurnata li fiha ġiet iċċelebrata l-festa (mill-1896 sa l-1903). Il-kontijiet jinqasmu mbagħad fil-festi interni, li ġeneralment jinkludu saċerdoti mistednin, mużika u affarijiet użati waqt il-liturġija, u festi esterni, li jinkludu l-armar, baned, logħob tan-nar, ġostra u spejjeż oħra[18].

**Festi Interni**

Kif ktibt aktar 'l fuq xtaqt li dan l-ewwel artiklu ta' din is-sensiela jiffoka fuq il-festi li kienu jsiru ġewwa l-Knisja Parrokkjali ta' San Ġiljan fl-aħħar snin tas-seklu XIX u l-bidu tas-seklu XX. Ta' min isemmi li dawn kienu żminijiet fejn il-ferħ il-poplu kien isibu u jesprimih fil-fidi tiegħu. Mhux ta' b'xejn li kull festa kienet tiġi ċċelebrata b'solennita'. Għalihom kienu jiġu mistednin predikaturi minn kull rokna tal-gżira u l-knejjes kienu jagħtu importanza kbira lill-mużika li ssebbaħ il-liturġija f'dawn il-festi. F'San Ġiljan il-poplu ma kienx jagħmel għajb għal dan.

**It-Tridu u l-Paniġierku**

Aspett importanti tal-festa fil-knisja kien dak tal-predikazzjoni. Dan kien isir kemm fil-jiem ta' tħejjija, li setgħu jieħdu forma ta' novena (disat ijiem, aktar popolari f'festi tal-Madonna) jew ta' tridu, u fil-jum proprju tal-festa meta l-knejjes kienu jistiednu l-aqwa predikaturi biex "jinsġu kuruna ta' tifħir" lill-qaddis jew qaddisa tagħhom. Qabel il-Gwerra l-paniġierki kienu jsiru l-aktar bit-Taljan, u ħafna drabi l-poplu kien jagħti l-ġudizzju tiegħu fuq kemm tkun tajba jew le l-orazzjoni tal-predikatur skond kemm-il darba dan isemmi lill-qaddis jew qaddisa u l-virtuijiet tiegħu jew tagħha, jew skond kemm iżewwaq il-predikazzjoni tiegħu bi frazijiet bil-Latin mill-Iskrittura[19]. Ħafna kkritikaw lil missirijietna fuq ħwejjeġ bħal dawn, iżda wieħed irid jara l-istorja fil-kuntest tagħha u jekk jagħmel dan jista' jasal sabiex jikkonkludi li ma riedu jagħmlu xejn anqas mill-aħjar biex jagħtu ġieħ lil Alla u lill-qaddisin tiegħU.


Spese per la Festa Titolare di San Giuliano
Ospitaliere che ebbe luogo il 28 Agosto 1898
Spese Interne

*Paġna mir-reġistru tal-prokura li fiha nsibu rendikont tal-ispejjeż għall-festa ta' ġewwa ta' San Ġiljan tal-1898, li kif jindika t-titlu ħabtet nhar it-28 t'Awwissu*

F'San Ġiljan, jekk għall-festi Kristoloġiċi, il-festi ta' l-artali u tad-devozzjonijiet kollha li kienu rabbew l-għeruq f'din il-knisja kien jinġieb xi predikatur għall-okkażjoni, ma setgħax jonqos li fil-festa titulari jiġu mistiedna żewġ saċerdoti, wieħed sabiex jippriedka fit-tliet ijiem tat-tridu u ieħor sabiex fil-ġurnata tal-festa jinseġ il-paniġierku f'ġieħ il-patrun tal-parroċċa.

Fost il-predikaturi li taw is-sehem tagħhom fit-tridu tal-festa f'dawn iż-żminijiet insibu lis-Saċerdot Vincenzo Callus fl-1896, is-Saċerdot Antonio Manche fl-1898, Patri G. Camilleri fl-1899, il-Patrijiet Majjistri L. Caruana, Clemente Cuschieri u Giacinto Grech Ellul fis-snin 1900, 1901 u 1902 rispettivament, u Patri Angelo Portelli O.P. fl-1903[20]. Dan ta' l-aħħar fl-1911 inħatar bħala isqof awżiljarju tad-Djoċesi ta' Malta. Serva ukoll bħala amministratur appostoliku u vigarju ġenerali tad-djoċesi. F'San Ġiljan kien rettur tal-benefizzju Spinola[21].

Mhux l-ewwel darba, anke fiż-żmien ta' llum, li saċerdot jinseġ il-paniġierku fil-festa ta' qaddis partikulari aktar minn darba tul il-ministeru saċerdotali tiegħu. Ħaġa komuni hija ukoll li saċerdot jagħmel it-tridu f'sena partikolari, u jkun mistieden biex jinseġ il-paniġierku xi snin wara, jew bil-maqlub. Hekk jidher li kien il-każ ta' Patri L. Caruana li fl-1897 niseġ il-paniġierku f'ġieħ San Ġiljan biex tliet snin wara ppriedka t-tridu tal-festa. L-annotament tal-ħlas tiegħu fl-1897 jirrifletti l-popolarita' li kellu bħala predikatur għaliex insibu miktub hekk: "*pagati al Maestro dei Predicatori L. Caruana per panigerico*".[22] Fl-1898 il-paniġierku sar mis-Saċerdot Ġużepp Busietta, fl-1899 mill-Kappillan Ġużepp Muscat (kappillan tal-Ħamrun), fl-1900 mill-Patri G. Grech, fl-1901 minn Monsinjur Giuseppe Farrugia u fl-1902 u 1903 mis-saċerdoti Antonio Vella D.D. u Fortunato Debono rispettivament[23].

Jekk wieħed jistudja sew il-ħlasijiet li saru lill-predikaturi tul dawn is-snin, jara li dawn ma tantx kienu jvarjaw. Il-predikatur tat-tridu dejjem kien jitħallas aktar mill-paniġerista. Dan probabbilment għaliex filwaqt li l-paniġerista kien jippriedka f'nhar il-festa biss, it-tridu ismu miegħu, itawwal tlett ijiem. Hekk insibu li l-ħlas tal-paniġierku fl-1897, 1898 u 1900 kien ta' għaxar xelini. Dan tela għal tnax-il xelin u sitt soldi fl-1899, 1902 u 1903. Il-predikatur tat-tridu tħallas dan l-istess ammont fl-1898 u l-1899 filwaqt li l-ħlas għall-kumplament tas-snin sal-1903 kien ta' lira. It-tridu u l-paniġerku qamu l-istess ammont fl-1899 u l-1901. Ta' min jinnota ukoll li meta fil-paniġierku ta' l-1901 il-predikatur kien monsinjur dan ingħata s-somma ta' lira.



Dawn il-kotba ta' l-ispejjez jagħtuna ukoll stampa ta' kif il-predikaturi kienu jkunu ospitati. Ġeneralment kienet tintbagħat karozzella jew mezz ieħor ta' trasport għalihom, li l-ispejjez tagħha kienet titniżżel ma' dawk tal-festa. Kien isir ukoll trattament żgħir għall-mistednin. Fis-sena 1896 dan jikkonsisti minn ħobż, gallettini, ħelu u ma setgħax jonqos ukoll flixkun *brandy*. Ir-rendikont jagħtina saħansitra l-ismijiet ta'dawk li ħawwru l-ħobż![24].



**Mużika**

Fuq il-mużika fil-knejjes fis-sekli XIX u XX inkiteb ħafna. Dan huwa żmien ta' l'hekk imsejjħa *cappelle di muzica* u tal-*maestri di cappella*. Huwa żmien tal-familji Bugeja u Nani. Fuq kollox iżda huwa żmien fejn minkejja l-ħafna tentattivi li l-awtoritajiet ekkleżjastiċi għamlu biex jevitaw dak li kienu qed jobsru, il-mużika tal-Knisja u tat-teatru saru l-istess, bid-differenza tkun biss fit-test li fuqu tiġi miktuba l-mużika[25]. Peress li aħna l-Maltin min-natura tagħna partiġġjani, il-kontroversja li qajjmet il-mużika tal-bidu ta' Dr Paolo Nani serviet bħala skuża tajba biex jitwieldu l-partiti ta' Nani u ta' Bugeja, għaliex il-mużika ta' Nani bdiet titkejjel ma' dik tal-*Cappella Bugeja* li kienet ukoll popolari f'dan iż-żmien[26]. Minħabba l-pika li xterrdet, dawn il-*maestri di cappella* kienu bdew jiġu meqjusa bħala eroj minn ħafna ammiraturi tagħhom, hekk li f'xi irħula kienu jitwasslu mill-partitarji tagħhom lejn il-knisja b'karrozzella fost entużjażmu u brijju kbir. Hawn irrid infakkar ukoll li l-ġranet tal-festa kienu joffru l-opportunita lil dawk li ma kellhomx biex imorru t-teatru jisimgħu l-opra li jisimgħu u japprezzaw mużika mhux tas-soltu[27].

F'San Ġiljan il-mużika tal-festa fil-knisja kienet avdata lill-*Cappella Nani*. Għadna niftaħru sa llum bl-antifona u l-mużika li ħallewlna l-kompożituri ta' din il-familja, ewlieni fosthom Paolo Nani. Din il-mużika tifforma parti mill-identita' kulturali tagħna l-Ġiljaniżi li nħobbu lill-parroċċa tagħna, hekk li nħossu ferħ kbir meta nisimgħuha tindaqq fil-ġranet ta' festa. Iżda l-kompożituri tal-familja Nani ma kinux l-unika mużiċisti li ħallewlna wirt mużikali sabiħ.



*Żewġ membri prominenti tad-dinastija mużikali Nani. Dr Paolo Nani li ħallielna l-mużika liturġika tal-festa (hawn qed tidher impressjoni artistika ta' David Borg, u Mro Anton Nani (fil-paġna l-oħra) li mexxa l-*Cappella Nani *ma' missieru, sakemm għaddieha lil ibnu Paul - l-aħħar membru tad-dinastija, li rregala l-partituri oriġinali tal-antifona, lill-parroċċa tagħna.*




*L-Antifonarju bit-talb tal-*Primi *u s-*Secondi Vespri *u tal-matutin. Dan kien jitpoġġa fil-kor fil-ġranet tal-festa sabiex il-kleru miġbur ikun jista' jsegwi.*

Ftit snin ilu, waqt riċerka li kien qed jagħmel ġewwa l-arkivji tal-Katidral, Dun Ġwann Galea kien sorpriż għall-aħħar meta sab għall-ewwel darba żewġ antifoni oħra ta' San Ġiljan minbarra l-*Beate Juliane (1847)* li minn dejjem konna mdorrijin nisimgħu fil-festa. F'artiklu tiegħu fil-pubblikazzjoni *San Ġiljan* ta' l-2005, Dun Ġwann għamel numru ta' mistoqsijiet fuq dan is-suġġett, li għalihom ma kienx hemm risposta minħabba nuqqas ta' dokumentazzjoni, filwaqt li għamel stedina lill-Kumitat Festa San Ġiljan sabiex il-mużika li kien sab terġa tingħata l-ħajja billi tiġi esegwita[28]. Il-kumitat taż-żmien laqa' l-istedina u ħoloq kummissjoni apposta sabiex torganizza kunċert ta' mużika sagra fejn dawn il-biċċiet setgħu jinstemgħu. Il-kunċert *Diem Festum Celebrantes* intlaqa b'mod tajjeb ħafna mill-Ġiljaniżi u l-kummissjoni ħadet ħsieb ukoll sabiex dan il-wirt mużikali jkun miġbur fuq *cd* biex hekk il-mużika setgħet tinstema u titgawda minn kull min jixtieq.

Fl-iskoperta li għamel fil-mużewijiet tal-Katidral ta' l-Imdina, Galea sab partituri ta' innu ta' l-istrofi *Nomine Insignem*, antifona *Beate Juliane* u *Tantum Ergo*, it-tlieta bil-firma ta' Alberto Vella. It-*Tantum Ergo* kien jinkludi ukoll nota fuq il-partitura tiegħu li kienet tgħid hekk: "*Eseguito la prima volta nella chiesa parrochiale di San Guiliano il 28 Agosto 1903*". Instabet ukoll antifona oħra Beate *Juliane 1893*, miktuba minn Paolo Nani. Is-sena li fiha inkitbet din l-antifona hija l-istess waħda tal-wasla tal-vara titulari. Dan il-fatt u oħrajn wasslu lil Galea sabiex jemmen li din hi l-antifona oriġinali, iżda l-Ġiljaniżi xtaqu waħda aktar melodjuża u majestuża u għalhekk Nani kien adatta t-test ta' l-antifona għall-mużika ta' l-antifona *Iste Sanctus* li kienet inkitbet għall-festa ta' San Dimitri ġewwa l-Isla fl-1847. Din l-antifona kienet tindaqq għal diversi festi oħra, fosthom dik ta' San Ġiljan. Iżda maż-żmien dawn kollha nqatgħu u l-antifona baqgħet tindaqq biss San Ġiljan. Il-partitura oriġinali tagħha ġiet irregalata lill-parroċċa mill-






aħħar mużiċista tad-dinastija *Nani*: Mro Paul Nani, iben Antonio.

Fin-nuqqas ta' dokumentazzjoni, l-eżistenza tal-mużika liturġika miktuba għall-festa ta' San Ġiljan minn Maestro Alberto Vella wasslet lil Dun Ġwann Galea sabiex jemmen li għal ċertu żmien, Mro Alberto Vella kien inkarigat mill-mużika għall-festa ta' San Ġiljan, probabbilment flok il-*Cappella Nani*.

Ir-risposti għall-mistoqsijiet li qiegħed Dun Gwann Galea llum jagħtihomna dan il-ktejjeb ta' l-ispejjez ta' l-amministrazzjoni tal-prokura tal-Knisja Parrokkjali ta' San Ġiljan. Dan il-ktieb jurina li kien Alberto Vella li kien imexxi l-mużika fil-Knisja ta' San Ġiljan tul is-sena liturġika kollha. Bejn l-1895 u l-1904, il-mużika ta' dawn il-festi kienet avdata f'idejh (meta l-festi saru): Marija Omm Alla, l-Epifanija, festa tal-*Via Sagra*, festi tal-Ġimgħa Mqaddsa, Madonna ta' Pompei, Qalb ta' Ġesu, Sant'Anna, Marija Assunta, id-Duluri, Madonna tar-Rużarju, il-qaddisin kollha, il-mejtin kollha u l-Milied. Ismu jissemma madwar sebgħin darba f'dan il-ktieb ta' kontijiet. Għalhekk nistgħu ngħidu li huwa kien is-surmast residenti tal-knisja[29].

Alberto Vella kien iben Giuseppe Vella, li għal 42 sena sħaħ kien il-*Maestro di Cappella* tal-Katidral u tal-Kon-Katidral. Fl-1888, bil-permess ta' l-Isqof, Giuseppe daħħal jgħinuh lit-tfal tiegħu: Alberto, Luigi u Paolo, it-tlieta organisti u kompożituri tajbin. B'hekk Alberto kien jgħin fil-*cappella di musica* mmexxija minn missieru. Meta fl-1902, waqt li Alberto kien jagħti servizz fil-Parroċċa ta' San Ġiljan, missieru irtira bil-penzjoni, l-għażla tas-suċċessur ta' Giuseppe ma waqgħet fuq l-ebda wieħed minn uliedu, imma fuq Paolino Vassallo[30]. Alberto Vella kien jidderieġi l-mużika mhux ġewwa San Ġiljan biss imma anke fil-madwar. Fil-1908, l-1912, l-1923, l-1927 u 1928 ħabbat fil-festa tal-Madonna tas-Sacro Cuor ġewwa tas-Sliema. Miet f'din il-lokalita' fid-29 ta' Lulju 1931, fl-eta ta' 65 sena[31].

Jidher li filwaqt li l-Ġiljaniżi kellhom fiduċja fis-Surmast Vella biex imexxi u jorganizza l-mużika waqt is-sena liturġika kollha, kienu jippreferu li għal lejliet u nhar il-festa titulari jqabbdu lill-*Cappella Nani*. Il-prova ta' dan tinstab fis-sors imsemmi fejn naraw li Vella kien jiġi mqabbad għat-tridu tal-festa filwaqt li l-*Cappella Nani* kienet tmexxi l-mużika mad-dħul tal-liturġija tal-festa[32]. L-unika involviment ta' Vella f'nhar il-festa nsibuh fl-1897 u l-1898, meta tħallas ukoll għall-mużika tal-matutin (talb ta' filgħodu)[33]. Fil-kant ta' dan it-talb ġieli tqabbdu ukoll xi kanturi sabiex jassistu.

Lill-Ġiljaniżi ta' dak iż-żmien ma kontx tagħtihom tort sa barra li jagħżlu lil Nani fuq

Vella għall-festa. Il-*Cappella Nani* kienet *cappella* magħrufa u stabbilita', b'ripertorju vastisisimu ta' mużika. Knejjes ta' importanza rabtu isimhom ma' din il-*cappella*, li għamlithom popolari u famużi għall-mużika tagħhom, fosthom il-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu u l-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt. Fuq kollox, ir-rappreżentant per eċċellenza ta' din id-dinastija Nani- Dr. Paolo Nani ta lill-parroċċa l-mużika tal-antifona *Beate Juliane*, l-innu ta' l-istrofi *Nomine Insignem* u l-innu tat-translazzjoni *Iste Confessor*. Din l-ammirazzjoni għas-surmastrijiet Nani; Dr Paolo u Antonio, missier u iben, hija riflessa f'dawn il-kontijiet fejn jingħatalhom it-titlu ta' Maestro, filwaqt li Vella, fl-ebda annotazzjoni minn madwar 70, mhu msejjaħ b'dan it-titlu imma sempliċiment b'"*signore*".

Ta' min jikkummenta li dawn il-kontijiet juruna ukoll li Paolo u Antonio Nani kienu jidderieġu l-*cappella di musica* kontemporanjament. Fil-festi ta' bejn l-1896 u l-1903 kien Antonio li dejjem irċieva l-ħlas u għalhekk nassumu li hu kien ħabbat. Dan minbarra s-snin 1898 u 1899 fejn il-ħlas sar lil Paolo Nani. Is-sors li sibna huwa rendikont ta' infieq u għalhekk ma nistgħux ma nikkumentawx fuq il-ħlas li kien isir kemm lil Vella u kemm lil Nani. Il-ħlas li kien jingħata lil Alberto Vella għat-tridu kien jvarja u matul is-snin l-ammont dejjem żdied minn lira u tnax-il xelin fl-1896 sa disa' liri u ħames xelini fl-1903. Dan filwaqt li l-ħlas tal-*Cappella Nani* f'dawn is-snin dejjem kien ta' għaxar liri. Wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li Vella kien ħabbat għal tlett ijiem filwaqt li Nani kien iħabbat għat-translazzjoni u nhar il-festa. Għaldaqstant wieħed jista jikkonkludi li l-fama kienet riflessa ukoll fil-miżata, għalkemm in-numru ta' mużiċisti setgħet kienet ir-raġuni għal din id-differenza ukoll.

**Spejjez Oħra**

Fost spejjez oħra mnizzlin taħt *Festi Interni* fil-ktejjeb ta' l-ispejjez ta' l-amministrazzjoni tal-prokura tal-Knisja Parrokkjali ta' San Ġiljan, insibu l-ħlas li kien isir ta' kull sena lis Sur L. Bartoli għall-konsum tax-xemgħa u għax-xemgħa tat-turċetti użati fil-ġranet tal-festa[34]. Mill-1897 sa l-1901 kienet tinkera ukoll tapezzerija mingħand ċertu Nicola Schembri[35]. Fl-1897 u l-1898 tħallset somma ta' sitta u seba' xelini rispettivament għat-trasport ta' važuni u fjuretti. Kienu jiġu mħallsa ukoll diversi persuni għall-assistenza tagħhom, fosthom T. Simiana, Augusto Borg, Gaetano Letard u Carmelo Valletta[36].

*Jitkompla fil-ħarġa li jmiss.*


**RIFERENZI**

[1] Alexander Bonniċi, *Il-Viċi Parroċċa u l-Parroċċa ta' San Ġiljan: 1849-1942*, f'*San Ġiljan Mitt Sena Parroċċa 1891-1991*, Stanley Fiorini (editur), Malta 1992, 149-181.

[2] E.B. Vella, *Storja ta' Birkirkara u l-Kolleġġjata Tagħha*, Malta 1934, 376.

[3] *L'Ordine*, 14.VIII.1893.

[4] NIKI PAPAGIORCOPULO, *Minn Viċi-Parroċċa għall-Parroċċa. Moviment Marjan Ibiddel it-Titular*, f'*Programm tal-Festa Każin Banda San Ġiljan (Awwissu 2007)* 53-55.

[5] ASĠ, *Libro Esito:Amministrazione della Procura della Ven. Lampade della Chiesa Parrochiale di San Giuliano*, 4-29.

[6] Ibid, 10.

[7] Alexander Bonniċi, *Il-Viċi Parroċċa u l-Parroċċa ta' San Ġiljan: 1849-1942*, f'*San Ġiljan Mitt Sena Parroċċa 1891-1991*, Stanley Fiorini (editur), Malta 1992, 149-181.

[8] Ibid.
[9] Winston L.Zammit, *San Ġiljan fis-Seklu XIX*, f'*Il-Mixja* (Awwissu 1998) 15.
[10] AAM, Canc., XV, SG, ff. 95v-96.
[11] Winston L.Zammit, *Dun Ġiljan Zammit D.D. (1870-1909)*, f'*Il-Mixja* (Novembru 1997) 4.
[12] *L'Ordine*, 19.VI.1897.
[13] Winston L.Zammit, *Dun Ġiljan Zammit D.D. (1870-1909)*, f'*Il-Mixja* (Novembru 1997) 4.
[14] Alexander Bonniċi, *Il-Viċi Parroċċa u l-Parroċċa ta' San Ġiljan: 1849-1942*, f'*San Ġiljan Mitt Sena Parroċċa 1891-1991*, Stanley Fiorini (editur), Malta 1992, 149-181.
[15] Ibid.
[16] ASĠ, *Libro Esito:Amministrazione della Procura della Ven. Lampade della Chiesa Parrochiale di San Giuliano*, 32-41.
[17] *L'Ordine*, 31.VIII.1877.
[18] ASĠ, *Libro Esito:Amministrazione della Procura della Ven. Lampade della Chiesa Parrochiale di San Giuliano*, 1-29.
[19] Charles Coleiro, *Il-Festi Tagħna*, Malta 2003, 25-30.
[20] ASĠ, *Libro Esito:Amministrazione della Procura della Ven. Lampade della Chiesa Parrochiale di San Giuliano*, 1-29.
[21] Winston L.Zammit, *Tliet Retturi tal-Benefizzju Spinola*, f'*San Ġiljan* (Awwissu 2006) 53-56.
[22] ASĠ, *Libro Esito:Amministrazione della Procura della Ven. Lampade della Chiesa Parrochiale di San Giuliano*, 10, 20.
[23] Ibid, 5-29.
[24] Ibid, 5.
[25] Joseph Vella Bondin, *Il-Mużika ta' Malta fis-Sekli Dsatax u Għoxrin*, Malta 2000, 9.
[26] John Azzopardi- Franco Bruni- Joseph Vella Bondin, *The Nani Composers*, Malta 2007, 33.
[27] Charles Coleiro, *Il-Festi Tagħna*, Malta 2003, 25-30.
[28] John Galea, *L-Antifona tal-Festa*, f'*San Ġiljan* (Awwissu 2005) 27-33.
[29] ASĠ, *Libro Esito:Amministrazione della Procura della Ven. Lampade della Chiesa Parrochiale di San Giuliano*, 1-31.
[30] Joseph Vella Bondin, *Il-Mużika ta' Malta fis-Sekli Dsatax u Għoxrin,* Malta 2000, 83-86
[31] Winston L.Zammit, *Il-Mużika tal-Knisja fil-Festa, f'Parroċċa Madonna tas-Sacro Cuor Sliema* (Lulju 2003) 33.
[32] ASĠ, *Libro Esito:Amministrazione della Procura della Ven. Lampade della Chiesa Parrochiale di San Giuliano*, 5-29.
[33] Ibid, 10, 14.
[34] Ibid, 5-29.
[35] Ibid, 10-23.
[36] Ibid, 5-29.



*Waħda mill-partituri oriġinali tal-antifona ta' San Ġiljan.*